**Sfond Storiku**

# It-Tmenin Anniversarju ta' l-Innu Malti



Ħaġa li lilna l-Maltin jagħmilna nazzjon hu l-Innu Malti. L-innu nazzjonali tagħna hu wieħed riċenti meta mqabbel ma' l-innijiet nazzjonali ta' pajjiżi oħra.

L-istorja ta' l-Innu Malti hi waħda kurjuża. Dan l-innu beda bħala innu biex jitkanta mit-tfal ta' l-Iskejjel Primarji. Wara li d-Direttur ta' l-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien Dr. A.Laferla talab lil Dr. R.Sammut M.D. biex jikkomponi xi versi, Dr. Laferla, mar għand Dun Karm biex jikteb il-versi.

L-Innu Malti ndaqq għall-ewwel darba fil-pubbliku f'kunċert fit-Teatru Manoel is-Sibt 3 ta' Frar, 1923. Wara ndaqq matul il-festa tat-8 ta' Settembru. L-ewwel banda li daqqet dan l-innu kienet il-King's Own. Fi Pjazza San Gorg il-Belt Valletta nsibu plakka li tfakkar dan l-avveniment. Biss kienet fil-kostituzzjoni ta' l-Indipendenza fl-1964, li l-Innu Malti ngħata l-għarfien li jixraqlu u sar l-Innu Nazzjonali.

Fit-tieni parti, ta' dan l-artiklu l-Profs.O.Friggieri jikteb dwar l-interpretazzjoni reliġjuża u soċjali ta' dan l-Innu.


**Riferenzi**

*Programm tal-Festa ta' Lourdes,* 1993, Qrendi




***INNU MALTI VERŻJONI ORIĠINALI***
***Meta ndaqq nhar it-3 ta' Frar 1923***

# It-Tifsira tal-Kliem ta' l-Innu Malti

## Interpretazzjoni Reliġjuża u Politika[1]



mill-Prof. Oliver Friggieri
B.A., M.A., Ph.D.

L-aqwa appell għall-għaqda nazzjonali fl-opra kollha ta' Dun Karm jinsab fil-versi li kiteb bejn l-1922 u l-1923 magħrufin aktar tard bħala *Innu Malti.* Dun Karm innifsu jgħid li l-għan tiegħu kien, għal darba oħra, li jgħaqqad lill-poplu. Fi kliem Dun Karm stess, f'dak iż-żmien kien hawn antagoniżmu politiku u hu ried jgħaqqad lill-Maltin permezz ta' l-imħabba reliġjuża.

L-għaqda li jipproponi hi tipika tiegħu, marbuta maċ-ċiviltà tal-pajjiżi tal-Mediterran, kemm Ewropej u kemm Għarab. Għal Dun Karm l-ogħla post fl-istorja nazzjonali għandu jintrefa' għal Alla, li kulħadd jemmen fih u mill-imħabba li tgħaqqad lil kulħadd miegħu titnissel minnufih l-għaqda fost iċ-ċittadini.

Lil din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha,
ħares, Mulej,kif dejjem int ħarist;
ftakar lil lilha bl-oħla dawl libbist.

Agħti, Kbir Alla, id-deh'n lil min jaħkimha,
Rodd il-ħniena lis-sid, saħħa 'l-ħaddiem:
Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem.

Fl-Innu Malti, Malta hija l-omm, li timplika li ċ-ċittadini huma wlied u għalhekk aħwa. Sa mill-ewwel vers il-poeta jqiegħed lill-poplu Malti fil-kategorija li tiddefinih bħala familja waħda u magħquda. Mit-tieni vers tibda t-talba ta' l-ulied lil Alla.

Alla hu mitlub iħares lill-pajjiż, il-lum jew aħjar dejjem, bħalma ħarsu dejjem ukoll fl-imgħoddi storiku li żammu magħqud fit-taqbid mal-barranin. Alla hu mitlub ukoll li jiftakar li kien Hu nnifsu li ta lil Malta bosta kwalitajiet sbieħ u għalhekk bħallikieku huwa mistenni li ma jinsihiex.

It-tieni terzina tiġbor tliet aspetti importanti tas-sistema demokratika: fl-ewwel vers, is-setgħa governattiva; fit-tieni vers, ir-relazzjoni industrijali, bejn min iħaddem u min jaħdem; fit-tielet vers, l-ordni pubbliku, jew il-ftehim bejn iċ-ċittadini. Alla hu mitlub jagħti l-għaqal lil min imexxi lil Malta (li ftit qabel ma nkiteb l-innu, fl-1921, kienet għadha kemm ingħatat il-Kostituzzjoni). Il-klassi tal-ħaddiema hi mifhuma bħala klassi waħda u magħquda fiha nnifsha.

Dan kollu juri li l-innu jħares lejn il-pajjiż bħala nazzjon wieħed magħqud. L-element li jgħaqqad huwa t-twemmin reliġjuż, meqjus bħala l-fattur l-iżjed komuni fost il-kotra popolari. It-twemmin reliġjuż idur madwar Alla bħala l-protagonista waħdani ta' l-istorja. Dun Karm ta lill-poplu tiegħu manifest qasir u essenzjali ta' dawk li, fil-viżjoni tiegħu, huma l-valuri ta' l-art u taċ-ċittadini li jagħmluha nazzjon. Is-suċċess kbir li kellu l-innu jixhed li l-poeta fehem tajjeb l-identità tal-pajjiż kemm mil-lat reliġjuż u anke mill-punt soċjali.

[1] Dan l-artiklu ġie ppubblikat bil-permess ġentili tal-Profs. O. Friggieri. Wieħed jista' jsib l-artiklu sħiħ fil-ktieb *Dun Karm* li l-awtur ħareġ fl-1989.